



2015/2007(INI)

27.1.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali
(2015/2007(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Steinruck

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- wara li kkunsidra l-"European Code of Best Practices for Women and ICT" ("Il-Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prattiki għan-Nisa u l-ICT") tal-Kummissjoni, tal-2013,
 - wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tagħha tal-2012, bit-titlu "Women in ICT" ("In-Nisa fl-ICT"),
 - wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tagħha tal-2015, bit-titlu "Empowering women on the Internet" ("L-Għoti ta' Setgħa lin-Nisa fuq l-Internet"),
- A. billi 20 % biss minn 2.7 miljun persuna li jaħdmu fis-settur tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma nisa; billi n-nisa huma sottorappreżentati fil-livelli kollha tas-settur tal-ICT, speċjalment f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċizzjonijiet;
- B. billi l-Kummissjoni tistma li d-dħul ta' aktar nisa fis-suq tax-xogħol diġitali jista' joħloq spinta annwali ta' EUR 9 biljun fil-PDG fiż-żona tal-UE;
- C. billi skont l-estimi tal-istudju "Women active in the ICT sector" ("Nisa li jaħdmu fis-settur tal-ICT") se jkun hemm 900 000 impjieg vakanti fis-settur tal-ICT fl-Ewropa sal-2020; billi s-settur tal-ICT qed jikber b'pass mgħaġġel, u joħloq madwar 120 000 impjieg ġdid kull sena;
- D. billi l-għadd baxx ta' nisa u bniet f'edukazzjoni relatata mal-ICT u, aktar tard, f'impjiegi f'dan is-settur hija r-riżultat, fost fatturi oħra, ta' interazzjoni kumplessa ta' sterjotipar tas-sessi li jibda fl-istadji bikrija tal-ħajja u tal-edukazzjoni u jkompli fl-istadju tal-karriera professjonali;
- E. billi l-fatturi li jinfluwenzaw il-parteċipazzjoni iktar baxxa tan-nisa u l-bniet fl-edukazzjoni u fl-impjiegi fis-settur tal-ICT huma bosta u jvarjaw bejn l-Istati Membri, u jiddependu minn kemm ikunu qed jiġu indirizzati b'mod progressiv kwistjonijiet bħalma huma l-istereotipi tas-sessi, u s-segregazzjoni b'mod ġenerali, kif ukoll in-nuqqas relattiv ta' mudelli tar-rwol femminili fis-settur tal-ICT u l-viżibbiltà limitata tan-nisa f'dan is-settur, speċjalment f'pożizzjonijiet ta' tmexxija, b'mod partikolari;
- F. billi s-settur tal-ICT hu karatterizzat minn segregazzjoni kemm vertikali kif ukoll orizzontali, li hija jerġa' ta' grad oġhla minn ta' setturi oħra, kif ukoll distakk bejn il-kwalifiki edukattivi tan-nisa u l-pożizzjoni tagħhom fis-settur tal-ICT; billi l-maġġoranza (54 %) tan-nisa impjegati fis-settur tal-ICT jikkupaw pożizzjonijiet b'pigi baxxi u b'livell baxx ta' ħilet, u li minoranza żgħira (8 %) biss minnhom għandhom pożizzjonijiet ta' inġiniera tas-software b'livell għoli ta' ħilet; billi n-nisa huma sottorappreżentati anke fit-teħid tad-deċizzjonijiet fi ħdan dan is-settur fejn 19.2 % biss tal-ħaddiema tas-settur tal-ICT għandhom kapijiet nisa, waqt li f'setturi oħra, ir-rata ta' kapijiet nisa hi ta' 45.2 %;
- G. billi ntwera li x-xogħol flessibbli jista' jgħin lin-nisa jidħlu fis-suq tax-xogħol;

1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lis-sħab soċjali jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi, b'mod partikolari fl-ekonomija diġitali, il-korpi rappreżentattivi u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ, biex jippromwovu l-bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet u biex jissorveljaw mill-qrib il-bidliet u t-tendenzi; jistieden lill-Istati Membri jsegwu l-progress li għad irid isir u jikkondividu l-aħjar prattiki fi ħdan u bejn l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna d-data attwali dwar il-ħaddiema nisa fis-settur tal-ICT u tivvaluta l-impatt ekonomiku ta' għadd ikbar ta' nisa f'dan is-settur;
2. Jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi biex jiżdied il-proporzjon ta' maniġers nisa fl-UE; jinnota li għandhom jiġu kkunsidrati inizjattivi leġiżlattivi biex jittejjeb il-bilanċ bejn il-ġeneri jekk ġeneru wieħed ikun strutturalment żvantaġġjat f'post tax-xogħol u qed ikun imċaħħad mill-possibilità ta' awtorealizzazzjoni; jenfasizza li l-kumpaniji jgawdu suċċess ikbar kemm-il darba jkun hemm diversità tal-ġeneri fit-timijiet tagħhom; jenfasizza li kwalunkwe obbligu tal-kwota għandu jqis id-daqsijiet differenti tal-intrapriżi u s-sitwazzjonijiet differenti fl-Istati Membri;
3. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-distakk bejn is-sessi fis-settur tal-ICT billi jenfasizzaw l-argument favur id-diversità u billi joħolqu għadd ikbar ta' inċentivi aktar b'saħħithom kemm għall-kumpaniji kif ukoll għan-nisa, bħal pereżempju l-mudelli tar-rwol u l-moġħdijiet tal-karrieri, sabiex tiżdied il-viżibilità tan-nisa; jilqa' l-inizjattivi eżistenti mill-Kummissjoni biex tinkoraġġixxi strutturi ta' netwerks u programmi ta' mentoring li jippromwovu arena diġitali inklużiva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżblukkaw id-Direttiva dwar in-Nisa fuq il-Bordijiet u jippruvaw jaslu għal ftehim biex itejbu l-bilanċ bejn il-ġeneri fost il-maniġers mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-borża, u jespandu l-ambitu tagħha għad-diretturi kollha; jistieden lill-Istati Membri jintroduċu miżuri li jippromovu l-progressjoni tal-karrieri tan-nisa fil-livelli kollha tat-tmexxija fi ħdan il-kumpaniji permezz ta' azzjonijiet pożittivi;
4. Jitlob, fil-kuntest tal-miżuri kollha adottati f'dan il-qasam, biex il-piż burokratiku fuq l-impriżi jinżamm baxx kemm jista' jkun; jirrimarka li l-ammonti eċċessivi ta' burokracija jafu jipperikolaw l-aċċettazzjoni u jwasslu għat-telf ta' impjiegi u għar-rilokazzjoni ta' impjiegi; jilqa' l-kompromessi funzjonabbli u bbażati fuq konsensus milħuqa bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fl-Istati Membri bi tradizzjoni soda ta' kodeterminazzjoni; iqis il-kodeterminazzjoni bħala mudell tal-aħjar prattika għall-ekonomiji Ewropej;
5. Jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni tħalli impatt sostanzjali fuq is-suq tax-xogħol billi timmodifika d-dinamiżmu tal-impjieg u toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjiegi kif ukoll kundizzjonijiet aktar flessibbli tax-xogħol bħat-telexogħol, li jista' jservi ta' għodda għal rikonċiljazzjoni aħjar bejn id-dmirijiet professjonali u dawk domestiċi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;
6. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jadattaw is-sistemi edukattivi tagħhom, fejn meħtieġ, bl-għan li jippromovu t-tagħlim u l-interess fl-hekk imsejħa suġġetti STEM (ix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika) b'mod ġenerali u għall-istudenti nisa b'mod partikolari; jenfasizza l-hteġa li jiġu stabbiliti professorati sussidjati għan-nisa fl-ICT biex jinħolqu mudelli tar-rwol għat-tfajliet u n-nisa f'dan il-qasam;
7. Jistieden lill-Istati Membri joħolqu kundizzjonijiet aħjar għall-impjieg tan-nisa; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-Objettivi ta' Barċellona u l-importanza ta' servizz tal-kura tat-tfal aċċessibbli u bi prezz li jintlaħaq għar-rata tal-impjieg tan-nisa; jenfasizza li l-

opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel huma fil-qalba tal-politika tal-ugwaljanza;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi ta' taxxi u ta' benefiċċji li ma jiddiswadux lill-persuni li jkunu t-tieni sors ta' dħul milli jaħdmu jew milli jaħdmu aktar, peress li n-nisa għandhom it-tendenza li jkunu t-tieni sors ta' dħul, speċjalment fil-qasam tal-ICT;
9. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li kwalunkwe finanzjament tal-UE għal-litteriżmu diġitali tan-nisa ikun sorveljat mill-qrib, b'mod kostanti u kontinwu sabiex jiġi evitat kwalunkwe użu ħażin, u tiżgura li dan il-finanzjament jitħaddem b'mod effettiv;
10. Jitlob li jsir skambju regolari tal-aħjar prattiki fost il-partijiet konċernati rilevanti kollha, inklużi s-sħab soċjali, biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tad-dimensjoni tal-ġeneri fl-Aġenda Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tintegra dimensiuni soċjali, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, kemm fl-Aġenda Diġitali kif ukoll fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali; jistieden lill-Kummissjoni tindirizza din il-kwistjoni fl-inizjattiva tal-programm ta' ħidma tagħha tal-2016 "New start for working parents" ("Bidu għdid għall-ġenituri li jaħdmu");
11. Jilqa' l-"European Code of Best Practices for Women and ICT" ("Il-Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prattiki għan-Nisa u l-ICT") u jitlob li jkun implimentat b'mod wiesa' u aktar effettiv; jilqa' t-twaqqif tal-"Gran koalizzjoni għall-impjiegi diġitali" mal-Ewropa kollha, u jħeġġeġ lill-kumpaniji involuti jiffukaw b'mod partikolari fuq ir-reklutaġġ u l-opportunitajiet tal-karriera indaqs għan-nisa; jenfasizza l-kontribut li jistgħu jagħmlu dawn l-inizjattivi biex jittaffa n-nuqqas ta' ħiliet f'haġfa Stati Membri;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri janalizzaw forom ġodda ta' impjiegi, speċjalment għan-nisa, fl-era diġitali, u jieħdu miżuri għall-aktar gruppi vulnerabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema u l-protezzjoni soċjali tal-impjegati sabiex jiġġieldu lill-kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji; jenfasizza li jeħtieġ li jinstabu forom ġodda ta' protezzjoni soċjali biex jiġu riflessi l-forom ġodda ta' xogħol, il-fatt li n-nisa diġà esperjenzaw nuqqasijiet fis-sigurtà soċjali fir-rigward ta' forom ġodda ta' xogħol u li din l-esperjenza jeħtieġ tiġi meqjusa fis-sejbien ta' soluzzjonijiet adegwati;
13. Jirrikonoxxi l-potenzjal li għandha d-diġitalizzazzjoni għall-intraprenditorija u jenfasizza l-importanza li jiġu provduti l-istrutturi ta' finanzjament meħtieġa għall-impriżi relatati mal-ICT u n-negozji diġitali ġodda, b'mod partikolari t-titjib tal-aċċess għall-finanzjament għall-intraprendituri nisa;
14. Jindika li d-differenza fil-pagi u fl-iżvilupp tal-karriera bejn in-nisa u l-irġiel għadha teżisti għan-nisa li jaħdmu fis-settur tal-ICT; jenfasizza li l-prinċipju ta' paga ndaqs għal xogħol indaqs fl-istess post tax-xogħol biex jiġu żgurati pagi ġusti qed jiġi mhedded anke jekk dan jikkostitwixxi wieħed mill-pilastri fundamentali tal-ġustizzja soċjali fis-suq tax-xogħol u għaldaqstant għandu jiġi protett fuq kull ħaġa oħra; itenni li l-inugwaljanzi m'għandhomx jitħallew jiġu stabbiliti fl-ekonomija diġitali fir-rigward tal-pagi indaqs u l-iżvilupp indaqs tal-karriera; jenfasizza li żieda fil-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-investimenti relatati fil-politiki tal-inklużjoni soċjali se jgħinu biex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel; jenfasizza l-importanza tan-negozjar kollettiv anke fl-ekonomija tas-suq diġitali għas-salvagwardja tal-kwalità u s-sigurtà tal-impjiegi fiż-żminijiet ta' diġitalizzazzjoni;

15. Jinnota li minkejja l-modi li bihom inbidlet is-soċjetà, l-istrutturi għadhom ma ġewx aġġustati biżżejjed u ma jippermettux lin-nisa jibbenefikaw bis-sħiħ minn dawn il-bidliet;
16. Jirrimarka li d-diġitalizzazzjoni fis-suq tax-xogħol tbiddel in-natura tax-xogħol u r-relazzjonijiet bejn l-impjegaturi u l-impjegati, fosthom il-possibilitajiet u l-flessibilità tal-organizzazzjoni tax-xogħol; jenfasizza li dawn l-opportunitajiet ġodda jeħtieġu rikunsiderazzjoni u ridefinizzjoni tat-termini bħall-post u l-limiti tal-ħinijiet tax-xogħol; jenfasizza li d-drittijiet tax-xogħol tal-impjegati ggarantiti permezz tal-liġijiet tax-xogħol tal-Istati Membri għandhom ikunu salvagwardjati indipendentement mix-xogħol li ġgħib magħha d-diġitalizzazzjoni;
17. Jilqa' l-bosta opportunitajiet u l-flessibilità akbar li toffri l-era diġitali lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom, inklużi opportunitajiet għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja, b'mod partikolari fir-rigward tas-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ġenituri ta' tfal żgħar u persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw is-sitwazzjoni fir-rigward tax-xogħol flessibbli u s-sigurtà tal-impjieg li huwa prominenti fis-settur tal-ICT, iżda fl-istess ħin jenfasizza l-isfidi l-ġodda marbuta ma' dan l-iżvilupp u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw l-istabbiliment ta' dispożizzjonijiet adegwati ta' sigurtà soċjali; huwa favur "dritt ta' tifi" għall-ħaddiema barra mis-siġhat tax-xogħol miftiehma;
18. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li x-xejra mmexxija mid-diġitalizzazzjoni lejn prattiki ta' xogħol aktar flessibbli taf twassal ukoll għal forom ta' impjieg instabbli; jenfasizza li l-problemi tas-saħħa mentali relatati max-xogħol, bħall-eżawriment ("burn-out"), ikkawżati mill-aċċessibilità kostanti jippreżentaw riskju serju; jirrakkomanda, għalhekk, konformità sħiħa mal-ħinijiet ta' mistrieħ preskritti għall-ħaddiema u jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu rispettati l-arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol fil-kuntratt ta' impjieg b'ħinijiet flessibbli, sabiex jinżammu l-limiti tal-ħin tax-xogħol kif definiti fil-liġijiet tax-xogħol tal-Istati Membri individwali;
19. Jirrimarka li d-domanda għal ħiliet ġodda, b'mod partikolari fil-qasam tal-ICT, jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' taħriġ kif ukoll permezz ta' edukazzjoni ulterjuri, miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u taġħlim tul il-ħajja, fl-interess tal-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u l-indirizzar tad-distakk eżistenti bejn il-ġeneri sabiex jitkabbar il-grupp ta' kandidati bi kwalifiki għolja; jenfasizza l-importanza li jittejbu l-ħiliet u l-litteriżmu diġitali biex jiġi faċilitat id-dħul fil-kumpaniji tal-ICT ta' nisa li għal diversi raġunijiet ma jkollhomx dawn il-ħiliet speċifiċi; jirrimarka li falliment f'dan ir-rigward iwassal għal żvantaġġ ulterjuri fir-rigward tal-aċċess għan-nisa f'dan is-settur; ifakkar li l-Fond Soċjali Ewropew jista' jipparteċipa fil-finanzjament ta' korsijiet ta' taħriġ ta' dan it-tip;
20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' taġħlim elettroniku biex jiġi użat b'mod aktar intensiv bħala mezz biex in-nisa b'mobilità mnaqqsa jiksbu l-kwalifiki u l-ħiliet;
21. Jenfasizza l-importanza tat-taġħlim tal-ħiliet tal-ICT minn età żgħira u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-bniet jiġu mħeġġa jieħdu korsijiet tal-ICT matul l-edukazzjoni kollha taġħhom; jirrakkomanda li l-litteriżmu diġitali jiżdied mal-korsijiet ta' taħriġ tradizzjonali fejn meħtieġ; jenfasizza l-fatt li xi Stati Membri (il-Ġermanja, Spanja, l-Iżvezja) bdew politiki li jinkoraġġixxu bilanċ pożittiv bejn il-ġeneri fil-professjonijiet tal-ICT fl-Ewropa, u li dawn il-politiki primarjament jimmiraw lejn il-promozzjoni ta' studji u mogħdijiet ta' karrieri relatati mal-ICT għat-tfalijiet u n-nisa minn età żgħira; jenfasizza l-importanza ta'

tagħlim aċċessibbli tal-ICT u jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lin-nisa minn kull sfond ekonomiku jiżviluppaw il-ħiliet ta' tagħhom fl-ICT permezz ta' apprendistati u traineeships kompletament finanzjati;

22. Hu tal-fehma li nisa li jkollhom aktar minn 55 sena għandhom possibiltà akbar li jkollhom ħiliet elettroniċi deprezzati minħabba n-nuqqas ta' tagħlim tul il-ħajja u li d-diġitalizzazzjoni tikkostitwixxi ostaklu importanti għall-persuni li jfittxu xogħol li jkunu ikbar fl-età li jkollhom ħiliet elettroniċi limitati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw it-tagħlim tul il-ħajja kollha kif ukoll it-taħriġ u l-iskemi li jippreparaw għal adattament aħjar jew bidla potenzjali tal-mogħdija tal-karriera skont id-domanda li qed tikber għal ħiliet elettroniċi f'ħafna setturi differenti, b'kunsiderazzjoni speċjali tan-nisa li għandhom aktar minn 55 sena biex jiġu mħarsa mill-esklużjoni mis-suq tax-xogħol;
23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri xierqa biex jattiraw ħafna aktar nisa lejn karrieri fis-settur diġitali; jenfasizza l-importanza li n-nisa jingħataw is-setgħa u li jsir użu sħiħ mill-potenzjal u mit-talenti ta' tagħhom sabiex jimlew l-impjieggi vakanti u jinkludu n-nisa fis-settur tal-ICT, sabiex tingħata spinta lill-ekonomija Ewropea u lill-opportunitajiet ta' impjieg tan-nisa; jenfasizza l-importanza li l-kodifikazzjoni, il-midja u t-teknoloġiji ġodda jiġu integrati fil-kurrikula edukattivi fil-livelli kollha u jinnota l-potenzjal tal-ħiliet diġitali biex inaqqsu l-ostakli għall-aċċess għad-dħul fis-suq tax-xogħol; jinnota l-importanza ta' djalogu kostanti mas-sħab soċjali sabiex jingħeleb id-distakk bejn il-ġeneri f'dan il-qasam.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	25.1.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 8 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Agea, Guillaume Balas, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Jane Collins, Lampros Fountoulis, Arne Gericke, Thomas Händel, Marian Harkin, Rina Ronja Kari, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Kostadinka Kuneva, Jean Lambert, Jérôme Lavrilleux, Jeroen Lenaers, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Claude Rolin, Sven Schulze, Jutta Steinrueck, Romana Tomc, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Amjad Bashir, Lynn Boylan, Miapetra Kumpula-Natri, Paloma López Bermejo, Edouard Martin, Evelyn Regner, Michaela Šojdrová
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Eleonora Evi, Czesław Hoc, Anneli Jäätteenmäki